MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 468/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Christopher Tonna**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 156869M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-29 ta'Gunju, 2010 fil-hinijiet ta' bejn il-11.00am u 1.00pm f' City Gate Bus Terminus, Floriana, waqt li kien jahdem ta' bus driver fuq ir-rotta '27' il-vjagg ta' bejn City Gate Bus Terminus u Marsaxlokk wera nuqqas ta' rispett lejn il-passiggieri u cioe` lejn Isabel Raymonudo Cuesto.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2010 fejn il-Qorti illiberatt lil akkuzat stante li l-akkuza ma hix sufficjentement ppruvata.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok ssib lill-appellant hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-28 ta' Ottubru, 2010 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma hallietx il-Prosekuzzjoni iggib prova indispensabbli biex tipprova l-kaz taghha.

Illi ma hemm l-ebda dubju li s-sinjura Isabel Reymundo Cuesto hija xhud indispensabbli u krucjali ghal Prosekuzjoni f'dan il-kaz u dan ghaliex hija l-unika persuna li tista` tghid u tirrakkonta ezattament x'gara fid-29 ta' Gunju, 2010 waqt ir-rotta Valletta – Marsaxlokk. Pero` madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li kellha tiddeciedi din l-kawza minghajr ma tisma d-deposizzjoni krucjali u indispensabbli ta' din ix-xhud.

Illi skond il-gurisprudenza nostrana huwa principju affermat u stabillit li meta l-prosekuzjoni ma tirrinunzjax espressament ghal xhud li huwa indispensabbli u kif ukoll turi li ghamlet minn kollox biex tinnotifikah jew tipprova tinnotifikah, l-Ewwel Qorti minflok taqbad u tillibera ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal-data ohra. F' dan il-kaz l-Ewwel Qorti m'ghamlitx hekk u ghalhekk l-esponent isostni li is-sentenza moghtija hija wahda zbaljata. F'dan ir-rigward l-espoennet jaghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fosthom ***Il-Pulizja vs Monica Shranz, 21/2/1997, il-Pulizija vs Saviour Farrugia, 24/7/1997*** u ohrajn.

Illi skond il-verbal a fol 2 tal-process waqt is-seduta tal- 14 ta’ Ottubru, 2010 gie imnizzel li *“**Prosekuzjoni tiddikjara li tinsisti ghall-produzzjoni tax-xhud Isabel Reymondo Cuesto u stante li a dehritx l-imsemmija xhud titlob differiment...”*** Ghalhekk ma hemmx dubbju li mhux biss dwar l-importanza ta’ dan ix-xhud izda wkoll li l-Prosekzujoni kienet qed tinsisti li dan ix-xhud jinstema. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa wkoll dokumenti li juru kif il-Prosekuzjoni keinet effettivament ghamlet minn kollox biex tinnotifika lil Isabel Reymono Cuesto. Issa nafu kemm hu difficli u gieli ikkomplikat li tinnotifika persuna li toqghod Malta u ghalhekk fil-fehma ta’ l-esponent li tinnotifika persuna li tghix barra minn Malta biex tidehr il-Qorti f’ Malta huwa iktar u iktar difificli ghal-Prosekuzjoni. Ta’ min wiehed jghid li l-Ewwel Qorti fis-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2010 agixxiet korrettement u iddifferiet il-kawza ghal-gimgha ta’ wara u cioe` ghal-21 ta’ Ottubru, 2010.

Illi pero` fis-sdeduta tal-21 ta’ Ottubru, 2010 il-Prosekuzjoni fl-ebda hin u fl-ebda mument ama espressament irrinuzjat ghal dan ix-xhud partikolariu. Fil-fatt skond is-sentenza ***Il-Pulizija vs James Baldacchino*** datata 12/9/2008 il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali qalet car u tond li meta *“**Ufficjal Prosekutur jiddikjara li m’ghandux provi x’ jipproduci” tali dikjarazzjoni b’ebda mod ma tista tigi interpretata li l-Prosekuzjoni kienet qed tirrinunzja ghal din ix-xhud. Rinunzja simili trid tkun cara u esplicita”.*** Fil-kaz in ezami l-esponenti jargument li huwa evidenti li x-xhud Isabel Reymoundo Cuesto hu indispensabbli ghal kaz taghha, l-Prosekuzzjoni qatt ma rrinunzjat ghal dan ix-xhud anzi fl-ewwel seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li kien qed jinsisti ghal dan ix-xhud u kif ukoll fil-verbal a fol. 11 gie iddikjarat fid-dettal kif il-Prosekuzjoni verament ghamlet minn kollox biex tipprova tinnotifika lil Isabel Reymundo Cuesto. Pero`, anki minhabb z-zmien relattivament qasir bejn sedua u ohra, l-Prosekuzzjoni nonostante li ppruva taghmel minn kollox biex dan ix-xhud jidher xorta ma rnexxieliex.

Illi l-esponent ma jista jara l-ebda nuqqas fil-mod ta’ kif agixxew il-Pulizija sabiex din ix-xhud ta’ nazzjonalita Spanjola u li tghix Madrid, tigi notifikata u eventwalment

tidher quddiem il-Qorti f' Malta u ghalhekk l-esponent jishaq li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta iddecidiet is-sentenza minghajr ma semghet ix-xhud Isabel Raymundo Cuesto.

Ikkunsidrat.

Din il-kawza hija konsegwenza ta' ncident illi gara fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju, 2010 waqt ir-rotta Valletta - Marsalxlokk bejn l-appellat u certa Isabelle Raimondo Questo fejn allegatament l-appellat agredixxa u qal kliem mhux xieraq lil din it-turista Spanjola li giet fil-gzejjer Maltin ghal btala u per konsegwenza inharget l-akkuza kif imsemmija.

L-aggravju ta' l-appellant qieghed fis-sens illi l-ewwel Qorti ma hallitiex ittella xhud indispensabli ghal provi taghha liema xhud kienet l-istess parti lesa Isabelle Raimondo Questo.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha minn dan il-punt u cioe' li f'cirkostanza meta xhud debitament ingunt ma jitlax, il-Qorti ma kelliex tghaddi ghas-Sentenza u tippriva lill-prosekuzzjoni mill-possibilita illi ggib ix-xhieda una volta l-istess prosekuzzjoni ma kellha ebda tort fil-fatt li l-istess xhieda debitament imharka ma dehrux (Il-Pulizija vs Joseph Abdilla u Helen Abdilla Volume LXXVII part V page 446). Il-problema illi kien hemm f'din il-kawza kienet illi x-xhud principali Questo kienet imsiefra kemm meta instemghet il-kawza l-ewwel darba fl-erbatax (14) ta' Ottubru, 2010 kif ukoll fit-tieni diferiment fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, 2010. veru li d-diferimenti kienu vicin xulxin u stante li x-xhud kienet imsiefra zgur li l-prosekuzzjoni ma kelliex zmien bizzejjed sabiex iggib lil Questo Malta u tixhed fil-kawza kontra l-appellat. Pero' fl-erbatax (14) ta' Ottubru, 2010 Questo kienet diga telqet minn Malta. Il-prosekuzzjoni f'dak l-istadju ma kienetx ghadha taf kemm Questa kienet ser iddum Malta, pero` ma sarx rikors biex taghti x-xhieda taghha b'urgenza. Ghalhekk fl-udjenza tal-wiehed u

ghoxrin (21) ta’ Ottubru, 2010 l-prosekuzzjoni ddikjerat illi ma kelliex aktar provi xi ggib u l-Qorti ghaddiet ghas-Sentenza.

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-Avukat Generali kkwota l-kawza “Il-Pulizija vs James Baldacchino” datata dsatax (19) ta’ Settembru, 2008 fejn il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet iddikjarat li meta ufficcjal prosekutur jiddikjara li m’ghandux provi x’jipproduci, tali dikjarazzjoni bl-ebda mod ma tista’ tigi interpretata li l-prosekuzzjoni kienet qed tirrinunzja ghal dan ix-xhud. Rinunzja simili trid tkun cara u esplicita. Dan ifisser quindi illi minkejja illi l-ufficcjal prosekutur iddikjara illi m’ghandux provi x’jipproduci, jista’ jipproduci lil din ix-xhud, Questo f’xi stadju iehor ta’ dawn il-proceduri, inkluz fl-Appell.

Ikkunsidrat :
Illi din il-Qorti jidhrilha b’daqshekk ma jfissirx li l-prosekutur ghandu jistultifika l-process quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi tibqa’ mdendla bil-kawza u ma tista’ tiddecidiha qatt sakemm l-ufficcjal prosekutur ikun irnexxielu fl-isforzi tieghu sabiex igib lil dik ix-xhud! Li kieku l-ufficcjal prosekutur fl-udjenza tal-21 ta’ Ottubru 2010 talab differriment fit-tul sabiex ikun jista’ jingungi lil Questo, kienet tkun storja ohra. Izda l-ufficcjal prosekutur ma ghamel xejn. U lanqas ma ghamel xi reklam meta l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-kawza, f’liema kaz allura l-ufficcjal prosekutur ghamel is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-meritu. Ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti ma tistax ticcensura lill-ewwel Qorti talli din ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandiex provi iktar.
Ghal dawn il-mottivi, taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-Appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------